MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2011

Numru. 321/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs.**

**Darren Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Darren Cassar ta' 26 sena, iben George u Bonavenura xebba Grech, imwieled il-Pieta nhar it-3 t'Ottubru 1981 u residenti GCE 1A Appartament, Triq Santa Marija, Marsascala jew Binja tas-Salvatur Ent B Flat 5, Triq Luigi Pisani, Kalkara, detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 558081 (M)

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-2 ta' Dicembru 2007 u fil-hames snin ta' qabel:

(a) kellu fil-pussess tieghu il-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha u dan bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u li l-fedina penali, ghalkemm mhix netta, mhix allarmanti, li ikkopera mal-pulizija, u li fl-istqarrija wera x-xewqa li jwaqqaf il-vizzju tad-droga.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artkoli 8 (d), 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta' Probation hawn anness, u li ghandha tifforma parti integrali ta' din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' Probation jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-registratur.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------